# April !...

April! qabeż jitbissem
minn ġuf il-ħolqien,
meraħ taħt nir-is-sema
ixandar qawmien.

Qtajja' qtajja' l-agħsafar
ittajjru henjin,
l-imħabba ħelwa jpespsu
isaffru l-xulxin.

Qabżu l-friefet maż-żiffa
fuq friex il-ħaxix,
xorbu l-għasel tal-warda
mad-dawl tat-tbexbix.

Ħaddar weraq is-siġar
imnibbex mill-fewġa,
u f'żifna daħkanija
iħaxwex bħal mewġa.

Bexxaq il-ward ilewwen
imil f'xejrt-ir-riħ,
jilgħab daħkan fil-ġonna
ifewwaħ bis-sħiħ.

Firxa peprin li tgħaxxaq
bin-nida msoqqija
stenbħet f'dell iċ-ċipress
b'elf għajn imbikkija.

April libbes il-ħajja
bi lwien wisq ħelwin,
'ma xejn ma għamel isbaħ
mill-ġmiel tal-peprin.

ANTON TANTI.